StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 2

**IT-TIENI SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ____________________ **Klassi:** ______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL- GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 26 | 4 | 7 | 8 | 10 | 15 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ



Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

**Kif tagħmel jagħmlulek –** ***storja ta' Nasr id-Din Ħoġa***

Darba, Nasr id-Din Ħoġa kien fuq bejt id-dar tiegħu qed isewwi s-saqaf. Waqt li hu kien qed jagħmel dan, ġie raġel ieħor lejn daru u meta waqaf, sejjaħlu u sellimlu minn isfel fejn kien: *(par. 1)*

- L-għodwa t-tajba, ja Nasr id-Din.
- Il-Ħoġa raddlu t-tislima li kien għamillu u staqsieh x'kellu bżonn. Ir-raġel qallu :
- Jekk jogħġbok inżel ftit għax nixtieq inkellmek. *(par. 2)*

Nasr id-Din niżel minn fuq is-sellum fejn kien qed jaħdem. Imbagħad irranġa ħwejġu u qiegħed sewwa f'postu t-turbant li kellu fuq rasu. Qabad it-taraġ li kien jagħti mit-tieni sular għall-ewwel wieħed. Meta wasal isfel baqa' sejjer dritt barra fejn dak ir-raġel. Dan talbu: *(par. 3)*

- Tista' tislifni xi ħaġa tal-flus?

Nasr id-Din Ħoġa baqa' mistagħġeb għal dan. Ħares lejh u qallu:

- Ejja waħda miegħi sa fuq.

Dak ir-raġel għamel kif kien qallu l-Ħoġa. Daħlu ġewwa, telgħu mill-ewwel sular għat-tieni wieħed u meta kienu fuq il-bejt, il-Ħoġa qallu:

- M'għandix flus! *(par. 4)*

## A. FEHIM IT-TEST **( 9 marki )**

1. X'kien qed jagħmel Nasr id-Din Ħoġa?

_______________________________________________ (1)

2. X'qallu li ried ir-raġel li sellimlu minn isfel?

_______________________________________________ (1)

3. Taħseb li kienet ħaġa ħafifa li Nasr id-Din jagħmel hekk?

_______________________________________________ (1)

4. Għaliex taħseb li dak ir-raġel ried li l-Ħoġa jinżel isfel biex ikellmu?

_______________________________________________ (1)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. X'għamel Nasr id-Din wara li niżel minn fuq is-sellum?

(1)

6. X'talbu dak ir-raġel meta wasal ħdejh?

(1)

7. Għaliex taħseb li l-Ħoġa stagħġeb għal din it-talba?

(1)

8. X'qallu biex jagħmel lil dak ir-raġel?

(1)

9. Għaliex taħseb li Nasr id-Din qagħad itella' lil dak ir-raġel fuq il-bejt biex jgħidlu li ma kellux flus?

(1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Għal min jirreferi l-pronom mehmuż **u** fil-kliem: **daru, sejjaħlu, sellimlu** *(par. 1)*?

(1)

2. Għal min jirreferi l-pronom mehmuż **h** fil-kelma **staqsieh** fl-ewwel parti tad-djalogu?

(1)

3. *Daħlu ġewwa, telgħu mill-ewwel sular għat-tieni wieħed u meta kienu fuq il-bejt ...* Għal min tirreferi hawn il-vokali **u** fil-kliem: **daħlu, telgħu, kienu?**

(1)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

1. Agħti kelma oħra minflok: **isewwi** *(par. 1)* ______ (1)

2. Mill-istorja sib kelma li tfisser: **għajjatlu b'ismu** *(par. 1)* ______ (1)

3. Mit-tieni paragrafu sib kelma li tfisser: **tah lura** ______ (1)

4. Sib kelma li tfisser xi ħaġa li tintuża bħala kappell *(par.3)* ______ (1)

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

1. **Jekk jogħġbok inżel ftit għax nixtieq inkellmek.** Ikteb dis-sentenza mod ieħor, iżda b'mod li tibqa' tfisser l-istess:

______ (2)

### (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA (14-il marka)

1. Ikteb **żewġ nomi fis-singular** minn *par. 1*: ______ (2)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Sib u ikteb frażi fl-**Istat Kostrutt** minn *par. 1*:_________________________________________(1)

3. Minn *par. 1*, sib **pronom fit-tielet persuna singular maskil**:______________________________(1)

4. Ikteb il-**Mamma** u l-**Għerq** ta' dawn il-verbi semitiċi fil-kaxxi: (4)

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| a. **Raddlu** | | |
| b. **Jogħġbok** | | |

5. Immarka b'sinjal taħtu l-**verb mhux semitiku** minn dawn: **ġie – irranġa – telgħu** (1)

6. Liema **TNEJN** minn dawn il-kelmiet (mhux fis-silta) huma participji ta' verbi mhux semitiċi?
Agħmel sinjal taħthom: **maqbud - stunat - ipparkjati - sieket** (2)

7. Ikteb fil-kaxxi l-grad komparattiv u superlattiv tal-aġġettiv: (2)

| Aġġettiv | Komparattiv | Superlattiv |
|---|---|---|
| **Ċkejken** | | |

8. Ikteb fil-femminil l-aġġettiv: **irqiq** _______________________ (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

**QWIEL -** Ikteb in-numru ta' dawn il-qwiel quddiem it-tifsira li taqbel magħhom fil-kaxxi ta' taħt:

1. **Il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser.**
2. **Il-ħmar xi darbiet jitla' l-arblu.**
3. **Tagħmilha tal-ħmar biex ma tħallasx dwana.**

| | | |
|---|---|---|
| | Xi ħadd jirnexxilu jagħmel xi ħaġa li ma tobsorhiex minnu. | (1) |
| | Taparsi ma jafx biex jiffranka li ma jagħmilx xi ħaġa. | (1) |
| | Xi ħadd li jkun qed jissogra. | (1) |

**IDJOMI -** Ikteb in-numru ta' dawn l-idjomi quddiem it-tifsira li taqbel magħhom fil-kaxxi ta' taħt:

1. **Alla ma għamlu.**
2. **Għoli infern**
3. **Kemm Alla ħalaq.**

| | | |
|---|---|---|
| | Jiswa ħafna flus. | (1) |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| | | |
|---|---|---|
| | Hemm ħafna u ħafna | (1) |
| | Ma deherx iżjed. | (1) |

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Mort fi skola ġdida u għamilt ħbieb ġodda. F'sitt sentenzi fl-ispazju li ġej, iddeskrivi wieħed jew waħda minn dawn il-ħbieb, kemm mid-dehra kif ukoll mill-karattru:

| | |
|---|---|
| 1. | |
| 2. | |
| 3. | |
| 4. | |
| 5. | |
| 6. | |

## E. TIFTIX–TRAWWIM KULTURALI SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (6 marki)

Fil-proġett tiegħek din is-sena, inti fittixt dwar għadd ta' persunaġġi li taw sehemhom fit-tkabbir tal-kultura Maltija. Ikteb fuq wieħed jew waħda minnhom f'madwar **60 kelma** fl-ispazju li ġej:



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 2 **(15-il marka)**

**Wieġeb mistoqsijiet A u B**

**A. It-Tokki tal-Paternoster – Achille Mizzi**

Fejn hu l-Paternoster

nann … ?

u l-kafè fl-istanjata

jgħanni

is-sħana tal-friex

irdussat?

fejn hu l-Paternoster

li jgerrex

bis-setgħat



1. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba: (1)
   Din il-poeżija miktuba b'versi **endekasillabi**

   **ottonarji**

   **ħielsa**

2. F'din il-poeżija hemm każ ta' rima – ikteb iż-żewġ kelmiet li jirrimaw. (1)

3. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (1)
   Din il-poeżija hija waħda ta' **protesta** - **nostalġija** - **riflessjoni**

4. Għaliex taħseb li l-poeta jistħajjel li qiegħed jitkellem ma' nanntu? (2)

5. Agħti tagħrif ħafif fuq il-kliem f'dawn il-kaxxi: (5)

| | |
|---|---|
| **Paternoster** | |
| **Stanjata** | |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| | |
|---|---|
| **Mirjieħa** | |
| **Għefiered** | |
| **Iħufu** | |

**Aktar Nadriet Poetiċi:**

| |
|---|
| **Lejl tat-Tfulija –** *Ġorġ Borg;* **Settembru –** *Wallace Ph. Gulia;* **Fil-Menqa –** *Ġorġ Peresso;* **Univers Ieħor –** *Dun Karm;* **Sjesta Maltija –** *Kilin.* |

Agħżel poeżija **WAĦDA** minn din il-lista u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar **20 KELMA.** (5)

## **F.** (ii) **LETTERATURA –PROŻA** **(15-il marka)**

**Wieġeb mistoqsijiet A u B**

**A. Nies Bla Sabar – Temi Zammit –** Agħżel **WAĦDA** mill-istejjer t'hawn taħt u f'**60 KELMA** ikteb dwar x'l-aktar li laqtek fiha. (6)

| |
|---|
| **Bieżla u Għaqlija - Ferħa Bla Temma - Pina** |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**B. Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta - Trevor Żahra -**
Agħżel **WAĦDA** minn dawn il-mistoqsijiet u wieġeb f'madwar **100 KELMA.** **(Ikteb fil-paġna li jmiss)** (9)

1. Ikteb x'tiftakar fuq id-dar il-qadima li fiha kienu joqogħdu Toni u l-familjari tiegħu fil-Belt.

**JEW**

2. Agħti tagħrif ħafif dwar **TNEJN** minn dawn il-karattri:

**Danjeli – Antida – In-Nanna Ġolina – Marmion**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 200 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Kif nixtieq li tkun il-klassi tagħna.
2. *Party* ta' ħabib/a li stednuk għalih dan l-aħħar.
3. L-iktar bajja fejn inħobb immur ngħum fis-sajf.
4. Darba ommi bagħtitni naqdiha ... *(kompli).*
5. Dakinhar li nqata' d-dawl.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers